**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni Generali**

**Magistrat Dr Joanne Vella Cuschieri B.A., Mag. Jur. (Eur. Law.) LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 15 ta' Novembru, 2016**

**Rikors Guramentat Numru:- 47/2013JVC**

**Martin Camilleri u martu Carmen Camilleri; Mark Camilleri; Michael Cassar u martu Maria Cassar u Harry Cassar**

**Vs**
**Ir-Reverendu l-Arcipriet Jimmy Xerri u Victor Guzman**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors fejn l-atturi ppremettew:-

1. Illi l-esponenti bdiewa li jahdmu diversi bicciet tar-raba' maghruf bhala Ta' Ghajn Qasab fil-limiti tan-Nadur, Ghawdex kif ser jirrizulta matul it-trattazzjoni tal-kawza;

2. Illi fl-istess raba' hemm zewgt igwiebi li jircievu l-ilma naturali minn go ghajn li jircievi l-ilma tieghu mill-*acquafer* naturali li jigi minn gol-blat soprastanti billi l-gwiebi huma f'livell aktar baxx – dan kollu kif ser jirrizulta matul it-trattazzjoni tal-kawza.

3. Illi peress li l-ilma mill-*acquafer* inixxi ghal gewwa mina li tghaddi minn taht it-triq u taghti ghall-gwiebi msemmija. L-*acquafer* jinsab proprju taht l-art fejn qed isir l-izvilupp mill-konvenuti jew min minnhom, liema zvilupp huwa kopert bil-permessi ta' zvilupp numru PA 2704/04 u PA1570/11;

4. Illi meta beda jsir l-izvilupp kien hemm hsara sostanzjali diga' fl-acquafer tant li kien hemm zminijiet minnhom meta l-ilma kien johrog qisu halib u apparti dan meta taghmel ix-xita l-ilma jigi bis-

sahha mbaghad jieqaf jew jonqos radikalment wara zmien qasir mentri qabel l-ilma kien dejjem gej bil-mod il-mod – sajf u xitwa.

5. Illi ricentement rega′ tkompla thaffir fl-istess sit u fl-istess sit apparti li qed ikun hemm it-thaffir qed ikun hemm anke rdim bil-konkos u ghalhekk l-*acquafer* qed ikompli jigi mittiefes:
   - L-ilma qed jigi hamri
   - L-ilma wkoll qed ikompli niezel aktar ′il isfel fil-blat u mhux ikompli jnixxi ghal gol-*acquafer* li jservi l-gwiebi fuq imsemmija.
   - Bir-rizultat illi l-ilma qed johrog fil-fond iktar u jnixxi aktar ′il isfel fil-wied u jintilef billi n-naha t′isfel tal-wied m′hemmx dak il-bzonn tal-ilma bhalma hemm fil-parti ta′ fuq.

6. Illi minhabba f′hekk l-atturi ghandhom interess li l-*acquafer* ma jkomplix jigi mittiefes u li jittiehdu dawk il-passi xierqa u opportuni sabiex l-acquafer kemm jista′ jkun tigi ri-integrata u apparti dan, l-esponenti qed isofru hsara u dannu.

7. Illi dan kollu ser jigi ppruvat matul it-trattazzjoni tal-kawza.

Talbu lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara lill-konvenuti jew minn minnhom responsabbli ghad-danni li qed isofru l-atturi u tillikwida l-istess danni permezz ta′ opra ta′ periti nominandi u tikkundanna lill-istess konvenuti sabiex ihallsu d-danni hekk likwidati;

2. Taghti dawk id-direzzjonijiet xierqa u opportuni, jekk hemm bzonn b′opra ta′ esperti nominadi, sabiex jigi accertat illi l-hsara li qed tigi kkawzata fl-*acquafer* u lill-atturi ma tkomplix tikber u jekk ikun il-kaz li din tigi minimizzata u d-danni jigu riparati biex l-*acquafer* kemm jista′ jkun jigi ri-integrat;

3. Tikkundanna lill-konvenuti jaghmlu dawk ix-xoghlijiet hekk stabbiliti mill-istess esperti nominandi fiz-zmien qasir u perentorju li jigi lilhom prefiss u fin-nuqqas, jawtorizza lill-atturi li jaghmlu l-istess xoghlijiet u dan kollu ghas-spejjez tal-istess konvenuti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti nkluzi ta' l-ittra ufficjali tas-26 ta' April 2013 u l-istess konvenuti minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni u b'rizerva ghal kull azzjoni ulterjuri spettanti lill-atturi.

Rat ir-risposta guramentata tar-Reverendu l-Arcipriet Jimmy Xerri u Victor Guzman li eccepew:

1. Illi qabel xejn, l-esponenti ma humiex il-legittimi kuntraditturi tal-atturi u ghalhekk ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju stante li la l-Arcipriet Jimmy Xerri personalment, u lanqas il-Knisja Katidrali ta' Ghawdex ma wettqu xi xoghlijiet minn dawk lamentati mill-atturi, u hadd minnhom ma ghandu xi proprjeta' jew xi drittijiet reali jew personali fuq proprjeta' li tifforma s-suggett ta' xi zvilupp bhal dak lamentat mill-atturi.

2. Illi infatti ghandu jigi precizat li l-art koperta bil-permessi ta' zvilupp numru PA2704/04 u PA570/11 hija proprjeta' tal-Kurja Veskovili ta' Ghawdex, mentri l-izvilupp qed isir mill-Parrocca tan-Nadur.

3. Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, l-atturi ma ghandhomx l-interess guridiku necessarju sabiex jippromwovu din il-kawza stante li la huma proprjetarji u lanqas ghandhom xi drittijiet personali, u/jew, iktar u iktar reali, fuq l-*acquafer* illi dwaru huma jiddikjaraw li ghandhom interess li ma jkomplix jigi mittiefes. Ghaldaqstant huma ma ghandhomx l-*locus standi judicii* necessarju u per konsegwenza din il-kawza hija affetta bil-karenza ta' interess guridiku.

4. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, l-esponenti jeccepixxu illi fl-ewwel lok, bl-izvilupp li qed twettaq l-imsemmija Parrocca qeghdha biss tezercita d-drittijiet ta' proprjeta' taghha in stretta osservanza mal-permessi ta' zvilupp mahruga favur taghha.

5. Illi fit-tieni lok, dik il-proprjeta' ma hija assuggetta ghall-ebda servitu' reali jew xi dritt iehor personali favur l-artijiet tal-atturi jew favur il-gwiebi msemmija minnhom;

6. Illi ghaldaqstant huwa applikabbli l-principju *qui sui jure utetur neminem laedere videtur u* t-talbiet tal-atturi ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra taghhom;

7. Illi dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, ma jezisti l-ebda ness kawzali bejn l-izvilupp (bini ta' cimiterju) li qeghdha twettaq il-Parrocca tan-Nadur u l-ilmenti tal-atturi.

8. Ghal dawn ir-ragunijiet kollha, it-talbiet attrici kif promossi huma nsostenibbli u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra l-istess atturi.

9. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat l-affidavits, xhieda, dokumenti, ritratti, cd u provi kollha mressqa fl-atti;

Rat illi fil-verbal tas-6 ta' Mejju, 2016 il-kawza giet differita ghal-lum bil-fakulta' li l-partijiet jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub f'termini mposti fuqhom;

*Rat illi fl-atti bosta mill-folji numru huma ripetuti u ghaldaqstant ir-referenza f'din id-decizjoni ghal xi folji numri ghandha tinftiehem li qed tindika ghall-pagna u mhux ohra skont is-sens tas-sentenza ghalkemm bl-istess numru.*

Rat is-sottomissjonijiet fl-atti.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Illi bhala fatt l-atturi Martin Camilleri u martu Carmen Camilleri kif ukoll l-attur Michael Cassar u martu Maria Cassar isostnu li huma bdiewa u jahdmu ammont ta' art bi qbiela fil-Wied ta' Ghajn Qasab fin-Nadur minn fejn isostnu li jaqilghu l-ghejxien taghhom.

Illi fir-rigward ta' l-atturi Mark Camilleri u Harry Cassar din il-Qorti fl-atti ma sabet l-ebda affidavit jew xhieda taghhom wisq anqas sabet x' indikazzjoni ta' min huma ghalkemm tista' tassumi biss mill-kunjomijiet li jistghu jkunu wlied l-atturi. Fi kwalunwke kaz din il-Qorti baqghet fl-ghama u bla provi dwar min huma l-atturi Mark Camilleri u Harry Cassar u l-interess taghhom f'din il-kawza.

Illi l-atturi Martin Camilleri (fol. 118) u martu Carmen Camilleri (fol. 125 u 320) flimkien ma' Michael Cassar (fol. 121 u fol 270) u martu Mary Cassar (fol. 125 u fol 317) isostnu, principalment fl-affidavits taghhom u fil-kontro-ezamijiet (ghajr ta' Martin Camilleri li miet fil-mori) illi qabel ma nbeda x-xoghol fuq ic-cimiterju l-gdid tan-Nadur li jinsab fuq ir-rih ta' Wied il-Qasab fin-Nadur, huma kienu jsaqqu l-ghelieqi taghhom permezz ta' ilma li jasal minn mina li skont l-atturi tghaddi minn taht ir-rih tal-istess cimiterju u li twassal l-ilma ghall-go ghajn (ghalhekk l-isem ta' Ghajn Qasab) u meta din tfur il-bqija jmur go gibjun. Skont l-istess atturi qabel ma sar ix-xoghol fuq ic-cimiterju fuq art xahri u parti minnu hamrija, l-ilma ghal go din il-mina kien jinzel dejjem b'mod kostanti Sajf u Xitwa tant illi ghalkemm il-bdiewa li juzaw dan l-ilma bi ftehim skont il-gurnata taghhom kienu juzaw l-ilma kuljum, bil-lejl minn din il-mina kien jinzel bizzejjed ilma sabiex timtela l-ghajn kollha u parti sostanzjali mill-gibjun tal-'over-flow'. Dan jikkonfermawh bosta xhieda ohra bdiewa fl-atti li jahdmu ghelieqi fl-inhawi u li ghandhom dritt li jiehdu wkoll mill-istess sors ta' ilma skont ftehim antik bejn il-bdiewa antennati taghhom (ara fol. 125 sa fol. 199).

Illi jirrizulta li c-cimterju l-gdid tan-Nadur sar fis-sit li jidher indikat ferm tajjeb fuq ritratt mill-ajru a fol. 328 fejn fih jidher x'tip ta' art kien hemm fis-sit qabel sar l-izvilupp. A fol. 329 jinsab esebit ritratt iehor mil-ajru li juri c-cimterju issa kif zviluppat ghalkemm mhux neccessarjament kif inhu llum. Ic-cimiterju jinsab fuq l-gholja tan-Nadur filwaqt l-ghelieqi tal-atturi u bosta mill-bdiewa li xehdu jinsabu taht ir-rih tal-istess cimterju ghalkemm f'livell aktar baxx u cioe' f'Wied Ghajn Qasab. Sabiex jasal ghall-istess ghelieqi hemm qbil bejn il-partijiet li wehed irid jaqsam it-triq principali quddiem ic-cimterju, jaqbad trejqa u ovvjament jinzel ferm fil-livell tal-gholja. Jirrizulta mill-atti li hemm mal-ghaxar sulari gholi bejn ic-cimiterju u l-ghelieqi tal-atturi u shabhom bdiewa (ara x-xhieda ta' Marco Cremona a fol. 313 tal-process).

Illi mill-assjem tal-provi li tressqu u cioe' l-atturi u bdiewa ohra li xehdu jirrizulta li ghalkemm uhud minnhom ressqu oggezzjonijiet ghall-bini tac-cimiterju l-gdid tan-Nadur fis-sit indikat, personalment jew tramite ghaqdiet bhal 'Nature Trust' u ghalkemm il-process sabiex inhargu l-permessi ta' zvilupp kollha ha numru ta' snin anki rizultat ta' studji li gew ordnati mill-istess Awtorita' tal-Ambjent u l-Ippjanar, finalment il-permess ta' zvilupp hareg.

Illi a fol. 29 *et seq* jinsab esebit l-ewwel permess 'outline' bin-numur PA 02887/02 li jaqra 'To construct cemetery' f'sit indikat bhala Triq Ghajn Qasab, Nadur. Dan il-permess 'outline' li wahdu ma jaghtix il-permess sabiex wiehed jizviluppa jidher li nhareg f'isem 'Archpriest Saviour Muscat obo Nadur Parish', Ufficcju Parrokkjali, Pjazza 28 t'April, 1688, Nadur, Gozo. Dan il-permess huwa datat 28 ta' Jannar, 2004. Klawzola partikolari f'dan il-permess ta' zvilupp taqra kif isegwi:

'2. With the full development application the following information has to be submitted:

*'. Effects on hydrology and hydrological features:*

*A description of the existing hydrological features and patterns, including quality of ground water, and the current surface water run off. This assessment shall investigate the effects of the proposed development on such features) water table recharge, changes in surface water runoff, etc) and how will such effects be mitigated.'*

Illi a fol. 332 *et seq* tal-process gie esebit mill-konvenuti r-rapport ta' Dr. Saviour Scerri, geologista, li jidher li huwa r-rapport li sar sabiex jissodisfa tali kundizzjoni. Fl-ewwel lok fir-rapport jinghad li huwa gie kkummissjonat sabiex jirredigi r-rapport kif isegwi:

'1.1. the write was commissioned by Architect Edward Scerri on behalf o the Nadur Parish, to produce a baseline report on the hydrology and hydrogeology of the impact area of a proposed site for the construction of a cemetery at Nadur, Gozo.'

Skont dan ir-rapport is-sit tac-cimiterju kellha dawn il-karatteristici:

1. 'The site is located on the western margin of the Nadur Upper Coralline Limestone Plateau . . . The perched aquifer is developed on Blue Clay, which at the site, lies some 30m below. It is tapped by several gravity springs found at the foot of the cliff face lining the Nadur Plateau. One such spring (Ghajn qasab is located west of Triq Ghajn Qasab and has been the subject of litigation between the developer and some of the local farmers who cultivate their fields on the Blue Clay slopes below (fol. 342).

2. 'The site falls within the catchment of Ramla Valley, with one tributary of the valley partly sourced by the watershed of the site. . . The valley is one of Gozo's major drainage system, with a 3 km long axial watercourse compliment by no less than six tributaries . . .' (fol 351).

3. 'Groundwater in the Ramla Valley area occurs at two level, one in the Globigerina limestone at sea level in the form of an extensive aquifer, and the other at the base of the Coralline plateaux of Xaghra and Nadur in the form of a perched aquifer of much limited extent. Both aquifers are exploited by farmers from private wells and gravity springs while the mean sea-level aquifer is also exploited from public boreholes . . . . Where this groundwater emerges at the edge of the plateaux, it vies rise to gravity springs such as at Ghajn Hozna and Tal-Ghejjun to the south, Ghajn Qasab gravity spring located at the foot of the cliff west of the site.' (fol. 354);4. 'It is immediately noted that the catchment of the site is very small when compared to that of Wied Ghajn il-Qasab. In addition it is also important to note that the catchment of the site lies entirely on Upper Coralline Limestone while that of Wied Ghajn il-Qasab is predominantly on Blue Clay and Upper Globigerina . . '(fol. 358);

4. 'The site falls within the watershed of *Wied Ghajn il-Qasab* and the recharge areas of the Mean Sea Level Aquifer of Gozo and a Perched Aquifer at Nadur. Both surface and ground waters are protected by the Water Framework Directive and Structure Plan Policies RCO 28 and RCO 29 and any potential adverse impacts on these resources should be adequately be mitigated and monitored (fol. 362).

Ghal dak li huwa effett fuq l-idrologija dan ir-rapport ikkonkluda kif isegwi (fol. 363):

'The Nadur side of Ramla area has two sources of groundwater, one is the Perched Aquifer discharging spring water at the base of the scarp of the plateau and outside the development site, and the other is the Mean Sea Level aquifer of Gozo. The proposed development is unlikely to have any adverse impact on these resources if sanitary effluents generated on site are discharged into the public sewage network and not into cesspits.

(a) The permeable Coralline plateau area of the site falls within the catchment area of the Perched Aquifer of Nadur, albeit in the periphery. No effluents whatsoever should be allowed to infiltrate trhought his platueau area as they would end up into this aquifer.
(b) Although the site falls within the catchment area of the Mean Sea Level Aquifer of Gozo, the Blue Clay acts as an impermeable barrier to the direct infiltration of any effluents generated on site.'

Fir-rapport kompla jinghad kif isegwi:

'. . the width of the site is 8% of the width of the E-W width of the potential subsurface catchment . .

The impacts of the paved site on the underlying water table are mainly:
. A reduction in percolation and aquifer recharge due to the impermeable pavement,
. An equivalent increase in run-off due to the impermeable pavement
. A beneficial increase in recharge due to the boundary wall of the site which retards run-off velocity as it comes done from the east,
. A beneficial decrease in evapo-transpiration during the dry season arising as a result of the paved terrain (the site)' (fol. 364-365)

Illi konsegwenti ghar-rapport hawn fuq imsemmi li jidher li huwa datat Marzu 2005 ghalkemm fix-xhieda tieghu l-istess geologu jghid li huwa rredigieh fis-sena 2007 (fol. 393 et seq) jirrizulta li gie approvat l-izvilupp tac-cimiterju in kwistjoni permezz tal-permess ta' zvilupp numru PA 02407/04 (fol. 31) mahrug f'isem l-Arcipiriet Saviour Muscat li jaqra 'To construct cemetry as approved in outline permission PA 2887/02 fis-sit Triq Ghajn Qasab, Nadur, datat 31 ta' Mejju, 2007 kif suggett ghall-method statement approvat a fol. 29 A tal-process tal-MEPA li jimponi massimu ta' eskavazzjoni ta' 'approximately 3.5 m' (fol. 34).

Illi a fol. 25 tal-procss jinsab esebit it-tielet permess ta' zvilupp numru PA 1570/11 datat 23 ta' Lulju, 2012 li jemenda l-permess ta' zvilupp precedenti, mahrug f'isem il-Monsinjur Saviour Muscat (obo Nadur Parish) u li approva kif isegwi:

'To sanction the retention (as void) of excavated volume beneath passages to form humidity barriers, to retain the excavated volume (as void) beneath those passages still to be constructed also as humidity

barriers, to construct the chapel at basement level instead at gound floor level, and to sanction difference in the layout of the cemetry resulting in fewer graves and larger soft areas'

Mal-istess permess jidher li hemm bhala 'supporting documents 'Hydrology and Hydrogeology Baseline Survey Report . . u 'Report to render the graves impermeable: . .'

Illi bejn il-partijiet hemm qbil li l-izvilupp tac-cimiterju dam ghaddej fuq numru ta' snin. L-atturi da parti taghhom isostnu li malli beda l-izvilupp, b'mod partikolari l-iskavar u konsegwentement meta saret is-sodda tal-konkos huma bdew jinnotaw tibdil fis-sors tal-ilma li gej mill-mina ta' Ghajn Qasab. Fost dawn it-tibdil jelenkaw fix-xhieda taghhom l-atturi kif ukoll sostanzjati mill-bosta xhieda li xehdu f'dawn il-proceduri:

(i) Illi f'okkazzjonijiet fejn kienu ghaddejjin ix-xoghljiiet l-ilma kien qed jigi kontaminat b'dak li kien qed isir fuq is-sit tac-cimiterju fejn f'okkazzjonjiet kien qed jigi abjad u drabi ohra kien qed jigi hamrani. L-atturi kif ukoll sostanzjati mill-espert Marco Cremona li wkoll xehed f'dawn il-proceduri u prezenta kopja tar-rapporti tieghu (fol. 205 *et seq* u fol. 292 *et seq*) spjegaw li meta sehhew dawn il-fenomeni ma kienx kumbinazzjoni li kien ghaddej certu xoghol fis-sit tac-cimiterju. Prova li l-ilma bidel il-kulur gie prezentat bhal ritratti u anki videos fl-atti (ara CD a fol. 328);

(ii) Illi tul iz-zmien filwaqt li kienu ghaddejjin ix-xoghlijiet ta' skavar fic-cimiterju, il-bdiewa nnotaw li l-ilma li jinzel mill-mina gol-ghajn u giebja koncernati beda jonqos. Dan it-tnaqqis innutawh mill-fatt li l-wisgha tal-ilma mill-'pajp' li johrog minnu naqas sew (il-maggoranza mill-bdiewa jsostnu li naqas zgur bin-nofs) u li l-ghajn ma baqghetx timtela kollha filwaqt li l-giebja tal-'over-flow' bdiet tibqa' vojta. Il-bdiewa jinsistu li minhabba li l-iskavar mess il-fessuri fl-art li minnhom kien inixxi l-ilma allura dan affettwa l-ammont ta' ilma li jinzel fil-mina fin-negattiv. Dan ukoll xehed dwaru Marco Cremona;

(iii) Illi tul iz-zmien ukoll il-bdiewa nnutaw li ghalkemm qabel l-ilma kien jinzel kostanti tul is-sena kollha, minn meta beda l-iskavar, l-ilma fil-mina beda jinzel b'mod aktar qawwi meta taghmel ix-xita tant li beda jgharraq xi ghelieqi li qatt ma kien jasal ilma fihom, filwaqt li fis-sajf

naqas bir-rizultat li fil-perjodu fejn l-aktar il-bdiewa ghandhom bzonn l-ilma ghall-prodotti taghhom cioe′ fis-Sajf, il-volum tal-ilma naqas b′dana li l-atturi jsostnu li l-prodott taghhom tista′ tghid naqsilhom bin-nofs. Skont l-attur Martin Camilleri fl-affidavit tieghu a fol. 118 *et seq* huwa sofra nuqqas fil-bejgh tal-prodott tieghu ta′ madwar elfejn Euro (€2,000) fis-sena mill-2008 ′il quddiem apparti l-valur ta′ sigar li tilef minhabba li dawn mietu. Michael Cassar fl-affidavit tieghu a fol. 121 isostni li huwa sofra nuqqas ta′ bejgh ta′ prodott ta′ madwar elfejn u hames mitt Euro (€2,500) fis-sena mis-sena 2008 ′il hawn apparti wkoll xi sigar li mietu. Michael Cassar isemmi wkoll li kellu jibda jgib il-bowsers bl-ilma izda ghalkemm jghid kemm jigih bowser wiehed ma pprezenta l-ebda evidenza tad-drabi li dan kellu jgibu jew rcevuti ta′ x′hallas. Iz-zewg atturi fl-ebda mument ma pprezentaw xi dokumentazzjoni sabiex jissostanzjaw it-telf li jallegaw fl-affidavits taghhom;

(iv) L-atturi jsostnu wkoll il-bizgha taghhom li bhalma l-materjal tal-kostruzzjoni u l-eskavazzjoni rnexxielu jghaddi ghal gol-ilma li juzaw huma ghall-prodotti taghhom, l-istess jista′ jaghmel dak li jibqa′ mid-dfin fl-istess cimiterju. Isostnu dan anki ghaliex skont huma s-sodda tal-konkos li saret taht l-oqbra fiha hafna qsim u pprezentaw ritratti fis-cd a fol. 328 li juru dan il-qsim.

Illi bhala provi da parti tal-konvenuti xehed il-konvenut Arcipriet Dun Jimmy Xerri (fol. 257 u 380) li kkonferma li huwa lahaq Arcipriet tal-Parrocca tan-Nadur madwar is-sena 2010 u f′dak iz-zmien ix-xoghol fic-cimiterju tan-Nadur hu jikkalkula li kien lest madwar 75% tieghu. Fi kliemu kien gia sar l-iskavar, saru l-pedamenti tal-hitan u l-oqbra kienu madwar 75 % lesti. Iostni li qabel is-16 ta′ Frar, 2010 huwa lanqas kien Malta u ahseb u ara kemm kien involut fil-Parrocca tan-Nadur u l-bini tac-cimiterju in kwistjoni. Dwar ta′ min hi proprjeta′ l-art tac-cimiterju tan-Nadur il-konvenut ma tefa′ l-ebda dawl fix-xhieda tieghu. Il-konvenut izda jixhed dwar kundizzjonijiet li mponiet il-MEPA dwar kif l-oqbra kellhom jigu ′sealed′ sabiex xejn ma jghaddi ghal gewwa l-aquifer ta′ taht. Dawn il-kundizzjonijiet jirrizultaw ukoll mill-permessi esebiti.

Illi fl-att xehed ukoll il-Perit Edward Scerri a fol. 325 tal-process permezz ta′ affidavit. Huwa jsostni li kien inkarigat originarjament mill-Arcipriet precedenti l-Monsinjur Salv Muscat sabiex japplika ghall-permessi ta′ zvilupp ghac-cimiterju in kwistjoni. Isostni wkoll li wara li hargu l-

permessi kienet il-Parrocca tan-Nadur li harget sejha ghall-offerti ghat-tahmil tas-sit u l-orhos offerta kienet ta' Said Construction u beda x-xoghol. Fil-mori sar ukoll mandat ta' inibizzjoni sabiex ma jkomplix ix-xoghol li skont l-istess Perit gie michud minn din il-Qorti diversament preseduta. L-atti ta' dan il-mandat ma gewx annessi mal-process odjern. Jikkonferma li t-tahmil sar sa massimu ta' 3.5m mil-livell tat-triq kif impost mill-Awtorita'. Skont il-Perit Scerri huwa mpossibbli li x-xoghol li sar fic-cimiterju affettwa s-sors tal-ilma in kwistjoni u jghid li meta marru access fuq is-sit kien jidher li l-giebja in kwistjoni kienet tidher evidenti li kienet ghadha kif tbattlet u mhux li ma kinitx qed timtela bl-ilma kif sostnew il-bdiewa. Ritratti ta' meta sehh dan l-access ukoll gew esebiti fis-CD a fol. 328 tal-process. L-istess perit esebixxa mal-affidavit tieghu zewg ritratti mill-ajru li jevidenzjaw li mis-sena 2007(fol. 328 u 329 tal-process) 'il quddiem l-ammont ta' sigar ta' bidwi partikolari f'Wied il-Qasab cioe' l-attur Michael Cassar zdied ferm (kif jikkonferma l-istess Michael Cassar u martu fil-kontro-ezami taghhom) u skont hu l-probabbilta' hi li l-ilma naqas ghaliex zdiedu ferm is-sigar u ghalhekk mhux iservi kif kien qabel u mhux konsegwenza tax-xoghlijiet fic-cimiterju.

**L-eccezzjoni tal-legittimu kontradittur:**

Illi wara li l-Qorti kkonstatat dak kollu suespost, gharblet u kkunsidrat il-provi kollha fl-atti, tqis li qabel tidhol fil-mertu ghandha tikkunsidra l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti li taqra kif isegwi:

*'Illi qabel xejn, l-esponenti ma humiex il-legittimi kuntraditturi tal-atturi u ghalhekk ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju stante li la l-Arcipriet Jimmy Xerri personalment, u lanqas il-Knisja Katidrali ta' Ghawdex ma wettqu xi xoghlijiet minn dawk lamentati mill-atturi, u hadd minnhom ma ghandu xi proprjeta' jew xi drittijiet reali jew personali fuq proprjeta' li tifforma s-suggett ta' xi zvilupp bhal dak lamentat mill-atturi.'*

Illi dwar ta' min hi l-art in kwistjoni fejn inbena c-cimiterju, l-atturi li ppromovew din il-kawza ma ressqu l-ebda prova.

Illi min-naha taghhom, il-konvenuti wkoll ma ressqu l-ebda prova ghajr li xehed il-konvenut l-Arcipriet Jimmy Xerri u ma jidhirx li huwa kontestat li hu dahal fil-parrocca fi Frar, 2010 filwaqt li x-xoghlijiet fuq

ic-cimiterju tista' tghid kienu kwazi lesti ghajr ghal xi numru ta' oqbra u l-'finishing' tal-istess oqbra.

Illi l-atturi ma pprezentaw l-ebda sottomissjonijiet fl-atti.

Illi da parti taghhom il-konvenuti dwar din l-eccezzjoni sostnew kif isegwi:

*'Illi l-proprjeta' li fiha sar l-izvilupp hija tal-Kurja Veskovili ta' Ghawdex mentri l-izvilupp sar mill-Parrocca tan-Nadur.*

*Illi r-Reverendu l-Arcipriet Jimmy Xerri gie mharrek fil-vesti tieghu personali ghaliex inzerta li meta nfethet il-kawza huwa kien l-Arcipriet pro tempore tan-Nadur meta realment huwa ma ghandu l-ebda dritt, interess jew involviment reali jew personali.*

*Mill-banda l-ohra Victor Guzman tharrek fil-kapacità tieghu ta' amministratur tal-beni tal-Knisja Kattidrali ta' Ghawdex. Lanqas il-Knisja Kattidrali ta' Ghawdex ma ghandha xi drittijiet, interess, jew involviment reali fuq dan is-sit u ghalhekk ma hijiex il-legittima kuntradittrici.'*

Illi fil-kawza deciza fl-ismijiet **Louis u Maryanne Bonavia vs. John Bonello et.** deciza mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar it-8 ta' Novembru, 2016 inghad kif isegwi:

'15.1. Illi ghal din il-fini ssir referenza ghad-direzzjoni statutorja naxxenti mill-artikli 1031 sa 1033 tal-Kodici Civili li sintetikament jistabbilixxu s-segwenti:
15.1.1. Illi kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li jikkaguna;
15.1.2. Illi hu responsabbli ghall-hsarat minnu kkagunati kull min ma juzax il-prudenza, id-diligenza, u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja fl-ghemil tieghu;
15.1.3. Illi fin-nuqqas ta' disposizzjoni espressa tal-ligi, hadd ma jwiegeb ghall-hsara kkagunata minhabba nuqqas ta' prudenza, ta' diligenza jew nuqqas ta' hsieb fi grad akbar;
15.2. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet Francis Busuttil vs. Sammy Meilaq ghan-nom u in rapprezentanza tal-Malta Drydocks datata d-9 ta' Dicembru, 2002, fejn il-Prim'Awla tal-Qorti Civili sostniet is-segwenti:

"F'azzjoni bhal din l-attur jehtieglu jipprova l-fatt dannuz, l-imputabilita' ta' dan il-fatt ghal min ikun ikkagunalu d-danni, u l-event dannuz emergenti minn dan l-istess fatt. Il-qorti ghalhekk jehtigielha tezamina attentament il-provi biex tara jekk l-attur jiddisimpenjax ruhu biex jissodisfa dawn l-elementi u fuq kollox, u fl-ewwel lok, irnexxilux jipprova konkludentement il-gustifikazzjoni li hu javvanza biex jakkolla l-htija fuq il-konvenut nomine";'

Illi appuntu fil-kawza odjerna l-atturi qed isostnu li sofrew danni rizultat tal-azzjonijiet tal-konvenuti r-Reverendu Arcipriet Jimmy Xerri u Victor Guzman fil-kapacita' tieghu ta' amministratur tal-beni tal-Knisja Katidrali ta' Ghawdex stante li t-talbiet huma diretti lejhom u hadd aktar.

Illi rinfaccjati b'tali eccezzjoni da parti tal-konvenuti l-Qorti kienet tistenna li l-atturi jressqu l-prova tal-proprjeta' tal-art in kwistjoni sabiex konsegwentement se mai jkomplu jistabilixxu n-ness bejn l-azzjonijiet tal-Arcipriet konvenut f'ismu personali u s-Sur konvenut fil-fakulta' tieghu ta' amministratur mal-fatti u d-danni allegati izda dan ma sar bl-ebda mod mill-atturi fl-atti. Huma l-atturi li qed jallegaw li l-konvenuti, kif imharrka, huma l-persuni responsabbli ghax-xoghlijiet li saru fic-cimiterju u l-allegati konsegwenzi tal-istess ghalhekk kien jinkombi fuq l-atturi li jippruvaw li verament kienu l-konvenuti l-persuni responsabbli u mhux jistennew li l-konvenuti jressqu tali prova.

Illi l-Qorti wara li daret diversi drabi l-provi kollha mressqa fl-atti sabet biss prova li l-konvenut ir-Reverendu Arcipriet Jimmy Xerri dahal fl-irwol tieghu ta' Arcipriet tal-Parrocca tan-Nadur fi Frar tas-sena 2010 meta parti sostanzjali tac-cimiterju in kwistjoni kienet tlestiet. Il-permessi kollha relattivi ghall-izvilupp hargu f'isem l-arcipriet precedenti l-Monsinjur Saviour Muscat fejn fi tnejn minnhom gie ndikat li huwa kien qed jagixxi ghan-nom tal-Parrocca tan-Nadur u mhux f'ismu proprju (ara fol. 25 u u fol 29). Il-permess l-iehor hareg f'isem il-Monsinjur Saviour Muscat minghajr ebda kwalifikazzjoni. Il-Monsinjur Muscat mhux konvenut fil-proceduri odjerni. Il-Perit Edward Scerri fl-affidavit tieghu jsostni li huwa gie mqabbad fl-irwol tieghu bhala Perit tal-progett mill-Parrocca tan-Nadur (fol. 325) filwaqt li fir-rapport tal-geologista Dr. Saviour Scerri gie dikajrat li hu gie nkarigat mill-Perit Edward Scerri ghan-nom tal-Parrocca tan-Nadur. Imkien ma jissemmew il-konvenuti odjerni kif mharrka.

Din il-Qorti wkoll innutat li fl-atti ma tressqitx prova mportanti hafna mill-atturi li setghet tissostanzja l-prova dwar ta' min hi l-art fejn sar ic-cimiterju u l-konsegwenti r-responsabbilta' cioe' kopja ta' l'hekk imsejha 'declaration of ownership' li tigi ntavolata mill-applikant mal-Awtorita' tal-Ippjanar u li kopja taghha setghet facilment intalbet mill-atturi u giet esebita  fl-atti bhalma finalment gew esebiti kopja tal-permessi ta' zvilupp.

Illi l-Qorti tqis li ma tressqet l-ebda prova li l-konvenut Arcipriet Jimmy Xerri fl-irwol personali tieghu kellu b'xi mod x'jaqsam mal-permessi u mal-izvilupp in kwistjoni.  L-unika prova li tressqet u mhux kontestata minnu hija li hu fil-fakulta' tieghu ta' Arcipriet tal-Parrocca tan-Nadur pprosegwa fuq ix-xoghol li kien inbeda minn ta' qablu u li sakemm dahal fih hu kien lest mill-anqas 75% minnu.  Ma tressqet l-ebda prova fl-atti mill-atturi li kien xi agir tal-Arcipriet Jimmi Xerri fl-irwol personali tieghu li seta' wassal ghad-danni allegati mill-atturi.

Illi fir-rigward tal-konvenut l-iehor Victor Guzman kif imharrek fil-kapacita' tieghu ta' amministratur tal-beni tal-Knisja Katidrali ta' Ghawdex din il-Qorti ma sabet xejn dwaru fl-atti ghajr dak li jinghad fl-okkju tal-istess kawza u l-eccezzjoni li hu mhux il-legittimu kontradittur.  Imkien ma gie pruvat fl-atti, wisq anqas mill-atturi li kellhom l-obbligu tal-prova, xi ness guridiku bejn il-pretensjonijiet tal-atturi u l-konvenut Victor Guzman noe.

Illi l-Qorti tirrileva li ghalkemm din hija Qorti Civili u allura l-grad tal-prova huwa anqas minn dak kriminali fis-sens li japplika l-grad tal-probabbli, din il-Qorti xorta wahda tibqa' Qorti ta' gustizzja u fin-nuqqas ta' provi din il-Qorti ma jinqala' ebda alternattiva ghajr li tichad it-talbiet kif dedotti fil-konfront tal-konvenuti.

Illi in vista ta' dak kollu suespost, stante li l-Qorti tqis li l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti hija gjustifikata u jisthoqq li tigi milqugha fil-konfront taz-zewg konvenuti, tqis ghalhekk li f'dan l-istadju huwa superfluwu li tinoltra ruhha oltre fil-mertu tat-talbiet attrici.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet kollha suesposti, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti kif mharrka li m'humiex il-legittimi kontradditturi tal-atturi u ghaldaqstant tilliberahom mill-osservanza tal-gudizzju. Konsegwentement u stante li din il-kawza hija allura sprovvista minn konvenuti li jistghu jirrispondu ghat-talbiet attrici, il-Qorti ma jibqalha l-ebda alternattiva ghajr li tichad it-talbiet kollha attrici.

Bl-ispejjez kollha kontra l-atturi.

(ft.) Dr. Joanne Vella Cuschieri
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur